MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 294/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Carmelo Borda (K.I. 394469M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' tmien mija, wiehed u hamsin ewro w wiehed u tlettin centezmu (€851.31) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skont *Client Contract Number* 1019993 rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Ottubru, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2010, mill-Avukat Dr Ivan Gatt u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------